**Santa Luċija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 15/2025**
**11 ta' Ġunju 2025**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5:25p.m.**

PREŻENTI:
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Kylie D'Amato – Kunsillier
Liam Sciberras – Kunsillier (7.15pm)
Connie Debattista – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
NIL

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija
NIL

15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 14

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 14 ġew iċċirkulati u moqrija qabel is-seduta. Il-Kunsill approva unanimament.

Il-Kunsillier Sciberras għadda l-kummenti tiegħu dwar 14.4.3 li tirreferi għal PQ 26921 fejn ser jibqa jemmen li hemm 2 verżjonijiet, dik li ġiet tabled fil-Parlament (li qedha online) u l-verżjoni li ġiet mgħoddija lilu (l-oriġinali) li ma kinietx r-risposta uffiċjali. Il-Kunsillier Sciberras qal li qiegħed jerfa' ir-responsabbilta tal-PQ oriġinali. Is-Sindku qrat ir-ruling tal-Ispeaker u infurmat li dik hija r-risposta uffiċjali (Annex 1). Il-Kunsillier Sciberras informa li l-Ispeaker ħa ruling kontra l-proċeduri parlamentari, fejn ġie mibdul il-kontenut tal-mistoqsija. Għalhekk il-Kunsillier Sciberras ser jibgħat korrispondenza lis-Speaker fejn ser isaqsih dwar xinu fid-dominju pubbliku jekk mhux materja tal-parlament (dominju pubbliku huwa dak kollhu li hu relatat mal-parlament). Il-Kunsillier Sciberras fakkar li din hija materja li għandhu x'jaqsam mal-Kunsill ukoll. Is-Sindku irrimarkat li qiegħed Out of Order minħabba li dak li ġara fil-Parlament, ma għandux x'jaqsam il-Kunsill.

## 15.3 Jum u Ġieħ Santa Luċija 2025

Is-Sindku issuġġeriet li s-serata ta' Ġieħ Santa Luċija 2025 issir nhar it-Tnejn 7 ta' Lulju 2025 billi nibdew b' quddiesa fis-6.30pm, jingħataw l-Unuri u wara jsir Buffet Pizza and Pasta, attività miftuħa għal kulħadd. Is-Sindku infurmat li Angelic Voices ser jkantaw mingħajr ħlas, għalhekk l-ikel tagħhom jiġi mħallas mill-Kunsill. Il-Buffet Pizza and Pasta hija attività miftuħa għall-kulħadd u ser tkun issusidjata mill-Kunsill. Il-Kunsill approva.

Il-Kunsill qabel li jingħataw l-unuri lil Kyle Galea, Joseph Mallia (In Memoriam) u Alice (Elizabeth) Attard.

Is-Sinjuri Jane Pace u Jessie Vella ser jiddaħħlu fil-lista tan-nominati għas-sena 2026.

## 15.4 Reply to Management Letter

Il-Management Letter ġiet iċċirkulata u moqrija qabel is-seduta mill-Kunsilliera. Is-Sindku qrat ir-Reply to Management Letter għas-sena 2024 li ġiet ippreparata mis-SE. Il-Kunsillier Sciberras talab sabiex issir emenda f' Note 1.3 Accruals fejn tiġi ikkjarifikat li qed nirreferu għall-Collective Agreement il-ġdid ta' 2024-2028 għall-impjegati li kienu mal-Kunsill Lokali Santa Luċija matul is-sena 2024. Ir-Reply to Management Letter 2024 ġiet approvata unanimament.

Il-Kunsillier Sciberras talab li niċċekkjaw mal-Kunsill ta' Ħal Għaxaq u ma l-avukata fix wasalna fuq is-sitwazzjoni tal-Wasteserv.

## 15.5 PA/03310/25

Il-Kunsilliera qablu b'mod unanimu li ser joġġezzjonaw għal Krematorju fi Sqaq Lampat bil-perit li ġa ġie mqabbad għall-applikazzjoni ta' qabel kif ukoll bħala kunsill ser joġġezzjonaw b'mod separat mill-Kunsill tal-Gudja.

Is-Sindku qrat il-punti prinċipali mid-draft letter tal-Perit Mugliett (Annex 2)

Il-Kunsilliera talbu li jiżdiedu dawn il-punti mad-draft letter tal-Perit:

- Is-sit mhux skond il-policy li nħarġet
- Il-proġett mhuwiex 10T Core (mhux viċin tat-trasport pubbliku)
- Emmissjoni tal-mercury
- Fil-viċinanzi hemm kamra tan-nar, żona industrijali kif ukoll hemm sit tal-fuel.

Bħala Kunsill qabel li tiġi mqabbda l-Avukata Dr Claire Bonello b'mod separat.

## 15.6 Approvazzjoni tar-Rapport Amministrattiv

Il-Kunsill approva dan ir-rapport b'mod unanimu.

## 15.7 Kommunikazzjoni mis-Sindku

15.7.1 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda l-**istatistika** tal-laqgħat li saru matul ix-xahar ta' Ġunju (Annex 4).

15.7.2 Is-Sindku infurmat li t-tindif tal-**latrina** mhux qed isir kif suppost, u ġa inħarġu 2 Default Notices. Wara laqgħa li saret mal-Cleansing Department illum stess, CD infurmaw li dan is-servizz jista jiġi offrut biss

b'attendant. Il-Kunsillier Sciberras qal li ma jaqbilx li dan is-servizz jitneħħa mir-responsabilta tal-Kunsill, iżda s-Sindku ma qablitx ma dan. Is-Sindku ser iġib kwotazzjonijiet sabiex tinħareġ Direct order manned u mhux manned sakemm il-Kunsill jiddeċiedi.

**15.7.3** Wara li fis-seduta li għaddiet il-Kunsill approva li japplika għal student mill-**IPS Summer Plus Programme**, is-Sindku xtaqet tikjarifika li l-istudent jrid jiġi mħallas bi pro rata (part-time) mill-Kunsill. Is-SE infurmat li dan l-istudent ser jaħdem fuq l-FAR peress li qed jistudja fuq l-Accounts, u jkun jista jgħin fil-Customer Care ukoll.

**15.7.4** Is-Sindku fakkret li għad hemm **pagament** mwaqqaf ta' Mark Taliana Gardening ta' Frar 2025 peress li ma kienx qed isir xogħol. Il-Kunsill qabel li l-pagament issa jista' jiġi mgħoddi.

**15.7.5** Is-Sindku infurmat li l-**Air Condition** tal-Board Room mhux jaħdem kif suppost, u l-gas tiegħu ma għadux isir. Ġie maqbul li jinxtara AC ġdid.

**15.7.6** Il-Kunsilliera Debattista staqsiet fix wasal il-Kunsill fit-tindif tal-ġibja. Hi qalet li l-Protezzjoni Ċivili jagħmlu dan ix-xogħol jew jistgħu jgħadduna ma xi ħadd. Il-Kunsillier Sciberras informa li Polidano jagħmel dan it-tip ta' xogħol. Is-Sindku infurmat li matul il-laqgħa li saret mal-CD, huma infurmawna li għandhom vacuum bowser u li kien ser jiġu fuq il-post jaraw.

**15.7.7** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva diversi approvals/kjarifikajiet minn **TM** ta' xogħolijiet (Annex 5):

- Double Yellow Line quddiem 1, Triq Stella Maris
- Traffic Management – Change in Bus Route
- Raised Belishia Crossing, Triq Katarina Vitale
- One Way System area Triq Garnaw – li ser jinħareġ avviż fuq il-facebook.

**15.7.8** Is-Sindku tkelmet mal-kuntrattur li għamel il-**Belishia Lights** ta' Triq Inez Soler u infurmaha li dawn kienu fuq in-naħa l-ħażina, peress li kien hemm bdil fit-Traffic Management. Il-Kuntrattur infurmaha li ser jirranġahom. Is-Sindku tkellmet mar-residenta li kellha l-problema, u ser tara jekk hux ser jaffetwaw lir-residenti oħra.

**15.7.9** Is-Sindku infurmat li reġa ġie mibgħut l-MoU (Annex 6) ta' **Cleansing Malta** għal kummenti tal-Kunsilliera u ġew moqrija l-Minuti tal-laqgħa li saret mad-Direttur Ramon Deguara (Annex 7). Il-Kunsillier Sciberras għadda l-kummenti tiegħu dwar dan l-MoU (Annex 8). Is-Sindku infurmat li ser terġa tgħaddi l-MoU sabiex jerġgħu jiġu diskussi fis-seduta li jmiss.

**15.7.10** Is-Sindku qrat ir-rapport li preparat il-Kunsilliera D'Amato dwar iż-żjara tas-Sindku, l-Kunsilliera D'Amato u s-SE ġewwa ċ-**Ċina** (Annex 9).

**15.7.11** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva talba mill-Active Ageing ta' Santa Luċija sabiex mit-30 ta' Ġunju 2025 sat-22 ta' Settembru 2025 kul nhar ta' Tnejn mis-7.30am sa 11.45am jibdew jużaw t-trasport tal-Kunsill għall-**swimming lessons** ġewwa B'Bugia. Il-Kunsill approva.

**15.7.12** Is-Sindku infurmat li l-applikazzjoni tal-Kunsill ta' Santa Luċija għal **Minn Pjazza għal Pjazza** ma ġietx approvata.

**15.7.13** Is-Sindku infurmat li **Project Green** approvaw it-talba tal-Kunsill li jitħawwlu siġar fil-picnic area (sound barriers) u ser jieħdu ħsieb ukoll it-tisqija u l-kura. Il-Kunsilliera D'Amato issuġġeriet li jgħola l-fence ta' bejn il-picnic area u Triq Ħal Luqa. Il-Kunsillier Sciberras informa li l-Ministeru tal-Onor. Miriam Dalli ser

tidħol fi skema mall-Kunsilli Lokali għall-2nd class water għall-irrigation. Is-Sindku infurmat li ser tiċċekkja fuq is-suġġerimenti li għaddew il-Kunsilliera.

**15.7.14** Il-Viċi Sindku informa lill-Kunsilliera preżenti li ser jagħti skultura b'**donazzjoni** lill-Kunsill sabiex titpoġġa fil-picnic area. Il-Kunsilliera apprezzaw din id-donazzjoni u ġie ssuġeriet li ssir plakka bħala ringrazzjament

**15.7.15** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta minn Project Green li infurmawna li ser jagħmlu bankina ġdida fi Triq il-Pepprin quddiem **Ġnien l-Iskultura**. Il-Kunsilliera rrimarkaw li kif inhuma l-gates bħalissa, l-aċċess għal Ġnien l-Iskultura huwa perikoluż għad-dħul/ħruġ minn Triq il-Pepprin/Dawret it-Torri. Il-Kunsillier Sciberras talab li jiġi provdut Health and Safety Report tal-istess ġnien. Is-Sindku infurmat li kienet ġa infurmat lil Project Green dwar dawn it-talbiet.

**15.7.16** Is-Sindku rċeviet diversi ilmenti mingħand r-residenti li qed ikun hemm diversi persuni li qed jipparkjaw fil-parti l-wiesgħa tal-bankini li għadhom kif saru fi **Vjal Oleandri**. Is-Sindku issuġġeriet li jsiru bollards li xorta jibqgħu aċċessibbli għall-persuni b'wheelchair. Il-Kunsill approva.

**15.7.17** Wara korrispondenza li ġiet mibgħuta mill-Kunsillier Sciberras dwar sinjali tat-traffiku / road markings fil-parkeġġ ta' **Santa Luċija FC**, TM infurmaw lill-kunsill li ma tidħolx fi propjetà privata.

**15.7.18** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta minn **Santa Luċija FC**, fejn infurmaw lill-Kunsill li kien hemm tibdil fil-kumitat u jixtiequ jiltaqgħu mal-Kunsill. Il-Kunsill taw l-awguri lill-kumitat il-ġdid. Il-Kunsill qabel li Santa Luċija FC tagħtina ġurnata s-sibt filgħodu għad-9.30am.

Il-Kunsillier Sciberras ġie skużat mill-laqgħa fis-7.15pm.

**15.7.19** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva t-timetable tal-**Lifelong learning Learning** fejn ser isiru l-lezzjonijiet ta' Digital Skills u Maltese Bobbin fit-tearoom il-Ħamis u l-Ġimgħa filgħodu. Il-Kunsilliera talbu li titnaddaf il-Pavillion sabiex tibda tintuża. Is-Sindku infurmat li l-Pavillion ser tibda tiġi mnaddfa u naraw kif tista tibda tiġi użata.

**15.7.20** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva talba mingħand resident sabiex issir attività privata fil-**Picnic Area** u talab li din tingħalaq għall-pubbliku. Il-Kunsilliera qablu li l-Picnic Area tibqa aċċessibli sa x'ħin jkun miftuħ il-ġnien u wara tista tiġi tingħalaq, apparti li dak huwa l-unika aċċess għal Ġnien l-Iskultura. Il-ħlas ikun skond il-byelaw u ridott peress li resident.

**15.7.21** Is-Sindku qrat talba oħra għall-photoshoot kummerċjali fi **Ġnien is-Serenita**. Il-Kunsill approva skond il-bye law.

**15.7.22** Il-Viċi Sindku infurma li qed isiru diversi abbużi fi Pjazza 7 ta' Lulju ħdejn il-funtana. Is-Sindku infurmat li jekk hemm bżonn titwaħħal mobile camera.

**15.7.23** Is-Sindku infurmat li saret ma **China Culture Centre** (Annex 11) dwar attività li ser issir fl-14 ta' Ġunju 2025. Is-Sindku irċeviet talba mingħand Mr Peng sabiex isir kunċert fil-gazebo nhar is-27 ta' Ġunju 2025. Il-Kunsill approva.

**15.7.24** Is-Sindku talbet għall-laqgħa urġenti mal-**Kummissarju tat-tfal** il-Ġimgħa 6 ta' Ġunju u l-laqgħa mal-Kummissarju saret it-Tlieta 10 ta' Ġunju 2025. Is-Sindku qrat il-minuti ta' din il-laqgħa (Annex 11). Il-Kunsilliera Debattista ġibdet l-attenzjoni li mhux sew li l-Kummissarju ma tkunx disponibbli wara l-ħin tal-

uffiċju. Is-Sindku infurmat li bħala Kunsilliera, huma free li jorganizzaw laqgħa magħha, iżda ser terġa tagħmel kommunikat magħha sabiex tiġi organizzata laqgħa wara l-5pm, meta l-Kummissarju tkun disponibbli.

**15.7.25** Is-Sindku irċieva korrispondenza mingħand kumpanija sabiex isir **internship** ta' żewġ studenti Ġermaniżi. Is-SE infurmat li tnejn huma ħafna anke peress li ħa nkunu bil-ħinijiet tas-Sajf. Il-Kunsilliera D'Amato issuġerit li tiġi mgħoddija lir-Reġjun.

**15.7.26** Is-Sindku infurmat li irċivejna d-data tal-appell ta' **PA/05677/23** u l-Kunsill qabel li joġġezzjonaw nhar is-17 ta' Ġunju 2025.

**15.7.27** Is-Sindku talbet għall-aprovazzjoni tal-kunsilliera li tiġi organizzata **A day by the Pool** nhar it-30 ta' Ġunju 2025. Il-Kunsill approva.

**15.7.28** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta minn Transport Malta fejn il-Kunsill kien applika lis-Sindku, Viċi Sindku u l-Kunsilliera Debattista sabiex isir sessjoni dwar '**Għarfien dwar is-Sigurta' fit-toroq'** sabiex jaraw jekk hux possibbli li ssir fit-30 ta' Lulju 2025 flimkien mal-Anzjani.

**15.7.29** Il-Kunsilliera D'Amato fakret li nhar it-23 ta' Ġunju 2025 ser isir seminar minn **AKL** dwar Integration, Strategy and Action Plan.

**15.7.30** Is-Sindku infurmat li hemm bżonn jinbidlu l-**bnadar** li hemm fuq barra ta' Ġnien is-Serenita peress li tmermru.

**15.7.31** Is-Sindku infurmat li ġie mibgħut r-rapport lil Planning Authority wara l-ilmenti li ġew mgħoddija matul il-Laqgħa Pubblika rigward l-scrapyard illegali li tinsab fi **Sqaq Lampat**. In-nru ta' referenza huwa CM261/25.

**15.7.32** Is-Sindku infurmat li l-Kunsill ġabar diversi kwotazzjonijiet għar-**railing** ta' Triq Maria de Domenicis b'30m / 10m tul. Il-Kunsilliera talbu li dan jsir minn Housing Authority peress li l-propjeta hija tagħhom, iżda f'kaz li din ma tiġix approvata, l-Kunsilliera qablu li ssir mill-Kunsill peress li l-ispiża mhix kbira.

**15.7.33** Is-Sindku qrat rapport maħruġ minn esperti fl-Ingilterra fejn talbu li jitneħħew it-tabelli li jipprojbixxu l-**logħob bil-ballun** peress li ħafna tfal qed iqattgħu ħafna wara skrin (mobile, eċċ). Fuq suġġeriment tas-Sindku, ġie maqbul li jitneħħew s-signs li hemm fl-entratura ta' Ġnien is-Serenita' u ssir tabella n-naħa ta' Ġnien iċ-Ċinizi li pets u blalen, eċċ mhux permessi, tabella fil-Picnic Area li jistgħu jiddaħħlu pets, blalen, eċċ u tabella oħra int u dieħel għal Ġnien l-Iskultura. Il-Kunsilliera D'Amato issuġerit li jitwaħħlu doggy bins fil-picnic area.

**15.7.34** Is-Sindku infurmat li diversi residenti għaddewlha diversi ilmenti dwar il-parkeġġi li żdiedu fi **Triq Bice Mizzi Vassallo** li talbu li jitneħħew u ġa bagħtet talba lil TM sabiex jitneħħew. Is-Sindku qrat petizzjoni (Annex 12) tar-residenti li ġiet mgħoddija mill-Kunsillier Sciberras matul din is-seduta. Is-Sindku infurmat li ser titkellem ma TM u tiltaqa' mar-residenti.

**15.7.35** Is-Sindku ippreparat excel sheet ta fhix waslu t-**tenders** u ser tiġi mgħoddija lill-kunsilliera.

**15.7.36** Is-Sindku issuġġeriet li tiġi organizzata attività għall-kunsilliera u staff bħala **team building** wara l-ħin tal-uffiċju sabiex il-Kunsill ma jingħalaqx. Is-Sindku issuġġeriet bħala attività issir fl-Escape Room u l-ispejjeż jiġu mħallsa mill-Kunsill. Il-Kunsill approva

15.8 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**15.8.1 IL-Kunsilliera Debattista** staqsiet fhix waslu l-petizzjoni ta' Triq Pensjeri. Is-Sindku infurmat applikajna ma TM u qed nistennew mingħand TM.

**15.8.2 Il-Kunsilliera Debattista** talbet kif il-Kunsill jista jgħin lill-cat feeders sabiex jiġu iċċipjati il-qtates. Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera Debattista bħala l-Kunsilliera responsabli tal-annimali sabiex tagħmel kuntatt mal-Animal Welfare dwar din l-iskema u kemm tiswa sabiex bħala kunsill naraw kif nistgħu ngħinu.

**15.8.3 Il-Kunsilliera Debattista** infurmat li d-dawl tal-ġnien ta' Triq Ċinerarja huwa qawwi.

**15.8.4 Il-Kunsilliera Debattista** staqsiet dwar il-ħinijiet tat-tisqija tas-siġar u s-Sindku infurmat li l-kuntrattur jibda t-tisqija fis-7am u mhux ser ilaħħqu l-lokalita kollha sad-9am. Il-kuntrattur ma jistgħax jibda qabel minħabba l-ħsejjes tal-pompa.

**15.8.5 Il-Kunsilliera Debattista** ġibdet l-attenzjoni li l-kuntrattur tal-scammle qed jiġbor eż. Jekk illum l-organic, il-kuntrattur qed jiġbor il-kaxxi wkoll. Is-Sindku talbet li tiġi provduta l-prova (bħal video/ritratt) sabiex jiġi mgħoddi lill-kuntrattur.

15.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-Pagamenti.

L-skeda tal-pagamenti 15/25 ġew approvati mill-Kunsilliera D'Amato u ssekondati mill-Kunsilliera Connie Debattista.

15.10 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fit-8.00pm u is-seduta li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 28 ta' Lulju 2025 fil-5.00pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| ______________________________ | ______________________________ |
| Charmaine St John | Bernice Darmanin |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |